***- JUDICIAL REVIEW -***

***- GURISDIZZJONI TAL-QRATI ORDINARJI -***

***-TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI-***

***- ARTIKOLI 2,6,7 TAL-ATT VIII TAL-1997 -***

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 23 ta' Mejju 2001**

**Kawza Numru: 11**
**Citazzjoni Numru: 879/00/RCP**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija**

**vs**

**Walter Tanti**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi permezz ta' decizjoni tal-10 ta Novembru 1999 it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji imwaqqaf bl-**Att**

**VIII tal-1997** iddecieda dwar l-ilment maghmul lilu mill-konvenut billi wara li sab illi trasferiment illi kien sar lill-konvenut meta dan kien impjegat bhala Kuntistabbli liema trasferiment sar ghall-habta ta' l-20 ta' Mejju 1987 mill-Kwartieri Generali tal-Pulizija ghall-Habs ta' Kordin ma kienx giustifikat irrakkomanda li l-konvenut jinghata kumpens fl-ammont ta' erbat elef lira Maltin (LM4000) u dan kif jirrizuita ukoll mill-istess decizjoni tat-Tribunal li kopja taghha hija hawn unita u markata "Dok A".

Illi l-imsemmija decizjoni tat-Tribunal hija *ultra vires* il-poteri tieghu u inghatat bi vjolazzjoni tal-ligi, marret oltre l-kompetenza tat-Tribunal**,** ma segwietx il-proceduri rikjesti mill-ligi u naqset li tiehu konsiderazzjoni ta' dak li kien rilevanti ghad-decizjoni filwaqt li hadet in konsiderazzjoni fatturi irrilevanti u ghar-ragunijiet segwenti:

i. Illi d-decizzjoni ma kienitx gustifikata mill-provi li kienu irrizultaw lit-Tribunal billi ghall-kuntrarju kien fil-fatt irrizulta lit-Tribunal illi dak li kien qieghed jilmenta minnu r-rikorrent, illum konvenut, ma kienx it-trasferiment bhala tali izda t-tip ta' xoghol li kien gie assenjat lilu. Fil-fatt it-trasferiment kien qarrab il-post tax-xoghol tal-konvenut ghar-residenza tieghu u ma setghax jikkostitwixxi *"ingustizzja b' konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara"* ghall-konvenut fit-termini ta' l-**Artikolu 6(1) ta' l-Att VIII tal-1997**. Ghalhekk it-Tribunal fis-sustanza tad-decizjoni tieghu ta kumpens mhux ghal-'*trasferiment*' izda ghall-assenjazzjoni ta' doveri fi hdan il-Korp tal-Pulizija - haga li huwa

m'ghandux gurisdizzjoni biex jaghmel skond l-**Artikolu 6(1) ta' l-Att VIII tal- 1997**. Ix-xoghol fil-Habs Civili li minnu ilmenta l-konvenut huwa parti mix-xoghol normali tal-Pulizija u ma kienx jaqa' fil-gurisdizzjoni tat-Tribunal li jiddeciedi kif kellu jitqassam u min kellu jitqabbad jaghmel dak ix-xoghol minn fost il-persuni impjegati bhala Pulizija biex jaghmluh. Illi ghalhekk meta wasal ghall-imsemmija decizjoni li saret ingustizzja abbazi tal-provi migjuba quddiemu t-Tribunal naqas mill-obbligu tieghu li jagixxi ragjonevolment u li ma jesercitax il-poteri tieghu b' mod arbitrarju u illi jiddeciedi abbazi ta' dak li huwa rilevanti;

ii. Illi d-decizjoni marret oltre l-kompetenza tat-Tribunal stante illi t-Tribunal huwa kompetenti biex jaghti rimedju biss fejn jirrizulta li saret ingustizzja bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta Mejju 1995 fit-termini tal-**Att VIII tal-1997** u jekk jikkundanna lill-intimat u jaghti rimedju fejn tali ingustizzja ma rrizultatx mill-provi it-Tribunal ikun qieghed jaghti decizjoni li huwa mhuwiex kompetenti biex jaghti bhal ma gara f'dan il-kaz. Fil-fatt l-assenjazzjoni ta doveri m'hijiex inkluza fil-lista ta' azzjonijiet li ghalihom japplika l-**Att VIII tal-1997** li hemm fl-**artikolu 6 (1)** ta l-istess Att u ghalhekk it-Tribunal ma kienx kompetenti biex jaghti rimedju taht l-istess Att abbazi ta dak li irrizulta mill-provi.

iii. Illi t-Tribunal naqas li jsegwi l-procedura stabbilita bil-ligi billi huwa marbut illi jiddeciedi abbazi ta provi migjuba quddiemu u fil-limiti tal-kompetenza specjali tieghu, haga li huwa naqas li jaghmel meta irrakkomanda li jinghata kumpens dwar assenjazzjoni ta' doveri;

iv. Illi d-decizjoni impunjata hija ukoll *ultra vires* il-poteri tat-Tribunal billi permezz taghha t-Tribunal minghajr ma huwa moghti awtorita mill-ligi intrometta ruhu fl-mod kif ghandu jitqassam ix-xoghol fil-Korp tal-Pulizija;

L-istess attur talab li l-konvenut ghaldaqstant jghid ghaliex dina l-Qorti m'ghandiex:

1. Tiddikjara li d-decizjoni tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji tal-10 ta' Novembru 1999 fl-ismijiet "Walter Tanti vs Kummissarju tal-Pulizija" (Rikors 64/97) hija nulla ghax hija *ultra vires* il-poteri ta l-imsemmi Tribunal ghar-ragunijiet premessi; u

2. Thassar, tirrevoka u tannulla l-imsemmija decizjoni.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 *et sequitur* tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti ma l-istess citazzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda kemm fit-fatt u kif ukoll fid-dritt u dana peress illi fl-ewwel lok u ghal dak Ii jirrigwarda l-**Att VIII tal-1997 fl-Art 6,** jidher ben car illi d-dispozizzjoni tal-Iigi msemmija tinkludi fost

sitwazzjonijiet ohra il-fatt li t-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji jista jisma' Imenti ta' ndividwi li jkunu qalghu "trasferiment" fuq ix-xoghol taghhom kawza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita. Illi il-kaz in ezami kien jitratta wiehed ta' trasferiment u ghalhekk b'ebda mod ma' jista' jinghad li d-decizjoni datata 10 ta' Novembru 1999 fl-ismijiet ***"Walter Tanti vs Kummissarju tal-Pulizija"*** (Rik 64/97) ma kienet wahda nulla u "*ultra vires".*

2. Illi fil-mertu l-eccipenti jissottometti bir-rispett li l-ilment fir-rikors kien wiehed purament ta' trasferiment, vendikattiv, fejn l-esponent wara snin jahdem fil-*workshop* tad-depot gie trasferit ghal Habs Civili fejn hemm kawza ta' dan it-trasferiment beda jsofri minn dipressjoni u kellu sahansitra jitlaq ix-xoghol tieghu meta kien ghad ghandu t-tfal id-dar u l-familja. Illi t-Tribunal ukoll fid-decizjoni tieghu msemmija f'ebda mument ma' ghamel kunsiderazzjonijiet li jikkoncernaw kif iqassam ix-xoghol tieghu l-attur, izda l-kunsiderazzjonijiet kienu jitrattaw it-trasferiment, tant lit-Tribunal sahansitra kkwota sentenzi fejn spjega x'jikkostitwixxi trasferiment gust jew le.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suesuppost jirrizulta li waqt is-smiegh tar-rikors, l-attur, dak iz-zmien intimat fl-ebda stadju ma' ghamel s-sottomissjonijiet li jirriflettu t-talbiet u l-premessi tac-citazzjoni fl-ismijiet premessi.

4. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut a fol 20 tal-process;

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' Gunju 2000.

Rat in-nota tal-konvenut li permezz taghha huwa esebixxa l-affidavit tieghu.

Rat il-verbali tas-seduti tas-7 ta' Novembru 2000 fejn Dr Grech talab l-allegazzjoni tal-process Rik Nru 64/97 fl-ismijiet inversi deciz fl-10 ta' Novembru 1999 u l-Qorti laqghet it-talba. Id-difensuri qablu li pulizija jista' jaghmel xoghol fil-habs. Il-partijiet iddikjaraw li m'ghandhomx provi aktar; tal-15 ta' Novembru 2000 fejn id-difensuri trattaw il-kaz u qablu li l-kawza tmur ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-7 ta' Marzu 2001 bil-fakolta` li l-partijiet jipprezentaw noti ta' osservazzjonijiet; u tas-7 ta' Marzu 2001 fejn minhabba ndisposizzjoni tal-Qorti l-kawza giet differita ghat-23 ta' Mejju 2001 ghall-istess skop.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha tal-process allegat ma din il-kawza fl-ismijiet **"Walter Tanti vs Il-Kumissarju tal-Pulizija"** deciza mit-Tribunal Ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji tal-10 ta' Novembru 1999.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### *A.* *"Judicial Review"*

Illi ma hemmx dubju li din il-kawza istitwita mill-attur titratta dwar ezercizzju ta' *judicial review* minn decizzjoni moghtija mit-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji stabbilit bl-**artikolu 3 tal-Att Numru VIII tal-1997,** u din il-kwalita` ta' azzjoni hija permessibbli li ssir anke fl-isfond tal-gurisprudenza nostrali fosthom dak enuncjat fis-sentenzi tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tas-17 ta' Mejju 1993 fl-ismijiet **"Dottor Vincent Falzon nomine vs Isabelle Grima"** (Vol. LXXVII. Ii. 292) u **"Wilfred Privitera vs Anthony Bonello"** (11 ta' Frar 1993) fejn inghad illi ghalkemm Tribunal jew Bord jista' jinghata b'ligi il-gurisdizzjoni esklussiva sabiex jiddeciedi kazijiet specifici, bl-esklussjoni tal-Qrati ordinarji, l-istess qrati ordinarji xorta huma kompetenti biex jissindakaw l-operat tal-istess Tribunal u s-sentenzi tieghu *"pero' limitatament ghall-tlett kategoriji ta' difetti - (a) eccess ta' gurisdizzjoni, (b) nonosservanza ta' l-istess ligi kostitwita - …… u finalment (c) non-osservanza ta' xi wiehed mill-principji fondamentali tal-gustizzja".*

Illi tal-istess portata hija is-sentenza fl-ismijiet **"Thomas Montalto vs Maggur Stanley J. A. Clews et"** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Mejju 1987 (Vol. LXXI. Iii. 688) fejn wara li l-istess Qorti stabbilit illi t-Tribunal Industrijali ma huwiex *"qorti"* fit-termini tad-disposizzjonijiet relattivi tal-Kostituzzjoni, ikkonfermat illi il-Prim' Awla

ghandha gurisdizzjoni doppja fuq l-istess Tribunal u cioe` li tara li dan l-istess organu gudizzjarju jimxi skond il-ligi u fil-limiti tal-ligi, u b'hekk ma jesorbitax il-kompetenza tieghu, u wkoll li l-istess Tribunal jimxi skond il-Kostituzzjoni u b'hekk ma jkun hemm ebda ksur tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem.

Illi din il-Qorti wkoll kellha l-okkazzjoni li tesprimi ruhha fuq l-istess principji li jirregolaw l-kuncett guridiku ta' *judicial review* tant li fis-sentenza **"Joseph Micallef vs Stivala Distributors Limited"** (P.A.(RCP) 14 ta' Frar 2001 - Citaz. Numru 863/00/RCP) gie deciz:-

*"Illi kif inghad ghalhekk fis-sentenzi fuq citati u fil-kawza fl-ismijiet **"Il-Kummissarju tal-Pulizija u il-Prim' Ministru vs Joseph Rizzo"** (P.A. RCP 3 ta' Ottubru 2000) din il-Qorti hija hekk limitata fil-gurisdizzjoni taghha, b'mod li tara li l-istess Tribunal ma agixxiex ultra vires u li gew osservati il-principji tal-gustizzja naturali, u bl-ebda mod ma ghandu fil-kwistjoni li giet ex lege mhollija fil-kompetenza esklussiva tal-istess Tribunal, b'dan ghalhekk li l-ezercizzju li taghmel din il-Qorti certament ma huwiex wiehed ta' revizzjoni u zgur mhux wiehed ta' Qorti ta' Appell, b'mod li m'ghandha qatt tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik tal-istess Tribunal.*

Illi b'hekk ukoll l-istess sentenza irribadiet dak li ntqal fis-sentenza **"V. Galea vs Chairman tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku"** (Qorti Kostituzzjonali 21 ta' Jannar 1985) u segwit fis-sentenza, gia citata, **"Il-Kummissarju**

**tal-Pulizija u il-Prim' Ministru vs Joseph Rizzo"** (P.A. (RCP) 3 ta' Ottubru 2000) u cioe` li l-fatt li awtorita' gudizzarja ghandha kompetenza esklussiva f'certu materja, u anke fil-kazijiet fejn l-iskrutinju tal-Qorti huwa prekluz milli jezamina jekk tali awtorita bhal *Public Service Commission* qdietx il-funzjoni taghha, xorta l-istess Qorti ghandha kompetenza li tara li d-drittijiet fondamentali tal-bniedem ma gewx mittiefsa, u li tali Awtorita' agixxiet fil-parametri taghha skond il-ligi. Illi fuq kollox dan kollu huwa wkoll sancit fl-**artikolu 124 (10) tal-Kostituzzjoni** in konnessjoni ma awtoritajiet hemm kostitwiti, bhal Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku, u ghalhekk *multo magis* l-istess principji japplikaw ghall-Tribunali kostitwita b'ligi *ad hoc.* Fil-fatt tal-istess portata hija d-decizjoni **"Il-Kummissarju tal-Pulizija vs Christian Spiteri"** (P.A. (GV) 30 ta' Gunju 2000).

**B.** <u>IL-POTERI TAT-TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TAL-INGUSTIZZJI SKOND L-ATT VIII TAL-1997.</u>

Illi skond l-**artikolu 6 tal-Att VIII tal-1997**, it-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji ghandu is-setgha li jisma' u jaqta' dwar kull ilment miktub li jsir minn kull individwu li jallega li jkun garrab ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, esklussjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita' jew restrizzjoni li kellha iggarrab, b'xi azzjoni mehuda mill-Gvern jew korp imwaqqaf b'ligi skond kif provdut **fl-Artikolu 2** tal-istess Att dwar :-

(a) hatriet, promozzjonijiet, jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici;

(b) hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' membri ufficjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi;

(c) dhul ta' impjieg;

(d) licenzi jew permessi mehtiega bil-ligi;

(e) kull haga ohra li tista' tigi approvata b'risoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati.

Illi imbaghad skond l-**artikolu 7 (9) (b)** jinghad li:-

*"Fid-decizzjoni tieghu, it-Tribunal jaqta' dwar jekk ikunx gustifikat u sabiex jasal ghal dik id-decizzjoni ghandu jqis il-ligijiet, regolamenti jew disposizzjonijiet tal-Estacode li kienu fis-sehh filwaqt ta' l-att jew omissjoni li fuqu jkun imsejjes l-ilment";*

*(c) Meta it-Tribunal jaqta' li lment ikun gustifikat kollu kemm hu jew f'parti minnu, dan ghandu bla hsara ghad-disposizzjonijiet tal-paragrafu (d) ta' dan is-subartikolu, li jinghata rimedju kompensattiv, b'gharfien tal-ligijiet, regolamenti u disposizzjonijiet tal-Estadcode li jkunu fis-sehh fid-data tar-rakkomandazzjoni.*

*(d) Meta skond il-ligijiet, regolamenti jew disposizzjonijiet tal-Estacode ma jkunx possibbli li it-Tribunal jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jista' jirrakomanda li jsir hlas ta' kompens li fl-ebda kaz m'ghandu jaccedi l-ammont ta' hames t'elef lira Maltija".*

Illi imbaghad **is-subartikolu (11) tal-istess artikolu 7** jipprovdi li "*jkun dmir tal-Prim Ministru li jimplimenta r-rakkomandazzjonijiet tat-Tribunal billi jistabilixxi l-proceduri u jaghti dawk id-direttivi li jkunu mehtiega ghat-twettiq ta' dawk ir-rakkomandazzjonijiet".*

Illi minn dawn il-provedimenti jidher car li d-decizzjonijiet tal-istess Tribunal ma humiex esegwibbli *per se* u mill-istess Tribunal, izda huma rakkomandazzjonijiet li ghandhom jigu implimentati mill-Prim Ministru.

**C.** <u>ID-DECIZZJONI TAL-ISTESS TRIBUNAL TAL-10 TA' NOVEMBRU 1999.</u>

Illi id-decizzjoni tal-istess Tribunal, li *di piu'* tinsab esebita bhala Dok. A a fol. 6 tal-process, iddisponiet li l-ilmenti tal-konvenut odjern kienu gustfikati fis-sens li huwa kien soffra ingustizzja meta gie trasferit f'Mejju 1987 mill-garage tal-Pulizija fid-depot fejn kien jahem bhala *"haddied"* ghall-Habs Civili fejn hemmhekk gie kostrett li jaghmel xoghol ta' *maintenance* u *warden* u skond id-decizjoni tal-istess Tribunal *"l-intimat ma ta' ebda raguni ghat-trasferiment hlief li qal li din haga komuni u li kellu dritt jaghmilha. Dritt*

*certament li kellu izda dan id-dritt ma ghandux jigi ezercitat kapriccozament u dan jassumi aktar importanza jekk transfer jinghata wara l-elelezzjoni generali fejn ikun hemm bdil ta' amministrazzjoni, jew wara li jsir strike legali. F'dan il-kaz ukoll ghandu jigi osservat li r-rikorrenti gie trasferit minn haddied ghal Habs li certament ma huwiex wiehed mill-ahjar postjiet biex tiehu trasferiment ghalih. Ma inghata ebda raguni valida ghal dan it-trasferiment. Ma rrizultax li r-rikorrenti ma kienx qieghed jaghmel xogholu fejn kien jew li kien hemm bzonn b'mod specjali tas-servizzi tieghu il-Habs".*

**D.** <u>L-ALLEGAZZJONIJIET ATTRICI FIL-KONFRONT TAL-ISTESS SENTENZA TAT-TRIBUNAL TAL-10 TA' NOVEMBRU 1999.</u>

Illi l-attur odjern qieghed jallega li l-istesss decizjoni hija *ultra vires* il-poteri tieghu, inghatat bi vjolazzjoni tal-ligi, marret oltre il-kompetenza tat-Tribunal u ma segwietx il-proceduri rikjesti mill-ligi u naqset li tiehu konsiderazzjoni ta' dak li kien rilevaneti u hadet in konsiderazzjoni ta' dawk li kienu irrelevaneti u dan ghaliex l-istess attur sostna li *d-decizzjoni ma kienetx gustifikata mill-provi li kienu irrizultaw lit-Tribunal* ghaliex il-konvenut odjern ma kienx ilmenta mit-trasferiment izda mix-xoghol assenjat lilu, u ghalhekk ma saret ebda ingustizzja mieghu b'konsegwenza ta' distinzjoni, esklussjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara, anke ghaliex il-post tax-xoghol kien iktar qrib lejn ir-residenza tieghu u ghalhekk l-istess konvenut inghata kumpens mhux ghat-trasferiment izda

ghall-assenjazzjoni ta' doveri, li ma hijiex fil-gurisdizzjoni tat-Tribunal fit-termini tal-**artikolu 6 (1) tal-Att VIII tal-1997.**

Illi fl-ewwel lok jidher car li l-istess attur qed jattaka l-istess sentenza tat-Tribunal Ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji, stante li qieghed isostni li l-istess Tribunal ghamel apprezzament hazin tal-provi, peress li mill-provi ma jirrizultax li l-ilment sar fuq trasferiment tal-konvenut minn post ghall-iehor, izda l-ilment sar mill-fatt li l-istess konvenut gie assenjat xoghol ta' warden.

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti, dan jinvolvi esercizzju sabiex tigi rikonsidrata id-decizzjoni tal-istess Tribunal u b'hekk issir evalwazzjoni mill-gdid tal-provi li ingabru mill-istess Tribunal b'dan li l-istess attur qisu qed jappella mill-istess decizzjoni jew altrimenti jitlob lil din il-Qorti sabiex tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik tal-istess organu. Dan certament ma huwiex accettabbli stante li din il-Qorti hija limitata fil-gurisdizzjoni taghha ghal-limitazzjonijiet fuq indikati fis-sentenzi fuq citati, u mhux sabiex terga' tirrikonsidra l-kaz bhala qorti ta' revizzjoni u lanqas sabiex taghti gudizzju fuq id-decizzjoni tal-istess Tribunal u dan aktar u aktar meta l-istess Tribunal ghandu kompetenza specjali u esklussiva sabiex fit-termini tal-**artikolu 6 tal-istess Att VIII tal-1997** *"jisma u jaqta' dwar kull ilment miktub li jsir minn persuna li tallega li tkun garrbet ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita' jew restrizzjoni li*

*kellha ggarrab, b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan l-Att minn dawn li gejjin:……".* Dan iktar u iktar meta skond **l-artikolu 7 (9) (e) tal-istess Att** tali *"decizzjoni tat-Tribunal tkun finali u minnha ma jkun hemm ebda appell".*

Illi dwar l-ilment tal-attur li l-istess Tribunal ma ikkonsidrax *"trasferiment"* skond l-**artikolu 6 (1) (b) tal-istess Att VIII tal-1997** jirrizulta lil din il-Qorti li id-definizjoni ta' x'jikkonsisti fi trasferiment *ai termini* tal-istess Att hija fil-kompetenza tal-istess Tribunal, kif ukoll hija fil-kompetenza tieghu dak li jikkostitwixxi *"ingustizzja"* skond it-tifsira tal-istess kelma moghtija bl-**artikolu 2 u 6 (1) tal-istess Att.,** u fil-fatt fid-decizzjoni tal-istess Tribunal tal-10 ta' Novembru 1999 taghti diversi ezempji permezz tas-sentenzi minnha moghtija u hemm citati xi jfisser *transfer* u taht liema cirskostanzi tali trasferiment ghandu jigi ikkunsidrat bhala accettabbli jew mhux gustifikat jew li jaghti lok ghall-ingustizzja fit-termini tal-istess ligi.

Illi dan l-ezami jidher li sar ezawrijent mill-Tribunal fit-termini tal-ligi, ghaliex jirrizulta inkontestat li l-istess konvenut gie trasferit minn xoghol ta' *welder* fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija f'Mejju tan-1987 ghal xoghol ta' *warden* fil-Habs ta' Kordin, u b'effett ta' tali trasferiment il-konvenut sofra ingustizzja ghaliex inghata wara elezzjoni generali minghajr ebda raguni valida mill-attur, intimat fl-istess proceduri. Fil-fatt minn ezami tal-istess process lanqas jirrizulta minn min inhaddet l-istess decizzjoni, u

ghaliex dan it-trasferiment miss lill-konvenut, li ma jirrizultax li kellu xi ilment xi hadd dwar ix-xoghol tieghu.

Illi ghalhekk ma hemmx dubju li dak li ikkunsidra l-istess Tribunal kien *trasferiment* fit-termini tal-**artikolu 6 (1) tal-Att VIII tal-1997,** u fil-fatt dan jaqa' fil-kompetenza tal-istess Tribunal indikat skond l-istess Att, tant li l-attur innifsu fl-istess proceduri qatt ma ikkontesta l-kompetenza tal-istess Tribunal ghas-smiegh tal-istess kaz, anke ghaliex l-istess attur bhala intimat fl-istess proceduri fir-risposta tieghu tat-3 ta' Lulju 1997 a fol. 4 tal-process allegat jaqbel li din il-procedura kienet titratta dwar l-istess trasferiment tal-konvenut minn post tax-xoghol ghall-iehor, tant li fit-tieni paragrafu tar-risposta tieghu jghid li *"fit-22 ta' Mejju 1987 ir-rikorrenti gie <u>trasferit</u> mis-sezzjoni tas-snajja tal-pulizija fejn kien jahdem bhala 'welder' ghall-habs civili."*. Illi huwa ftit difficli kif illum l-istess attur qed isostni li dan ma kienx trasferiment izda semplici assenjazzjoni ta' doveri.

Illi dan huwa inkonceppibbli meta wiehed jikkonsidra li skond **"Id-Dizzjunarju Malti"** ta' Mario Serracino Inglott id-definizzjoni tal-kelma trasferiment hija *inter alia "caqliqa mnejn wiehed ikun ghal xi post iehor"* u *"trasferut"* hija mfissra bhala *"mgieghel imur xi mkien iehor".*

Illi l-istess konsiderazzjoni tinghata ghall-ilment tal-istess attur li tali trasferiment tal-konvenut minn post tax-xoghol ghall-iehor ma jikkostitwiex ingustizzja skond l-**artikolu 6 (1) tal-istess Att VIII tal-1997,** stante li jirrizulta li l-istess Tribunal ikkunsidra tali *transfer* li holoq ingustizzja lill-

konvenut stante li sar bla ebda raguni u fuq konsiderazzjonijiet ta' distinzjoni, eskluzjoni u preferenza indebita li gabet hsara lill-konvenut, kif l-istess Tribunal ikkonsidra fid-decizzjoni tieghu ghar-ragunijiet hemm indikati, li huma fil-kompetenza unika tal-istess Tribunal li jikkonstata u jiddeciedi dwar l-istess, u konsistentament ipprovda ir-rimedju sancit mill-istess Ligi.

Illi ghalhekk abbazi tal-premess jirrizulta li l-allegazzjoni tal-istess attur huma lkoll infondati fil-fatt u fid-dritt, u din il-Qorti thoss li ghandha temfassiza li huma bla ebda bazi legali kwalunkwe stante li jirrizulta li l-istess Tribunal iddecieda l-istess kaz minnu deciz fl-10 ta' Novembru 1999 skond il-kompetenza tieghu *ai termini* tal-**Att VIII tal-1997** u skond id-disposizzjonijiet tal-istess Att b'dan li mexa *intra vires* u ddecieda skond il-ligi, b'dan li l-allegazzjonijiet tal-attur li l-istess Tribunal ta' decizzjoni li hija *ultra vires* il-poteri tieghu, bi vjolazzjoni tal-ligi, oltre l-kompetenza tieghu u li ma segwix il-proceduri rikjesti u l-ohrajn indikati fic-citazzjoni attrici huma lkoll bhal ebda fondament fattwali u legali, u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda. Illi anzi jinghad li fl-opinjoni ta' din il-Qorti, l-azzjoni attrici ma hija xejn hlief tentattiv sabiex abbazi tal-provi prodotti quddiem l-istess Tribunal issir minn din il-Qorti rikonsiderazzjoni tal-istess provi min din il-Qorti, haga li din l-istess Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni li taghmel hlief kif spjegat fil-gurisprudenza citata, u dan il-kaz certament ma jaqax fl-ebda wiehed mill-kazi fejn *judicial review* hija permessa jew applikabbl

**III. KONKLUZZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut, **tichad it-talbiet attrici** bhala infondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess attur.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**23 ta' Mejju, 2001**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**23 ta' Mejju, 2001**